# Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
HOGAN
ippreżentati fil-25 ta’ Marzu 2021[1]

**Kawża C-768/19**

**Bundesrepublik Deutschland**
**vs**
**SE,**
**Parti oħra fil-proċedura:**
**Vertreter des Bundesinteresses beim Bundesverwaltungsgericht**

(talba għal deċiżjoni preliminari mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, il-Ġermanja))

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari - Spazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja - Protezzjoni internazzjonali - Protezzjoni sussidjarja - Direttiva 2011/95/UE - It-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) - Dritt taħt id-dritt nazzjonali ta’ adult għal protezzjoni sussidjarja bħala l-ġenitur ta’ minuri mhux miżżewweġ li huwa benefiċjarju ta’ protezzjoni sussidjarja - Data rilevanti sabiex jiġi evalwat l-istatus ta’ ‘minuri’”

## I. Introduzzjoni

1. It-talba preżenti għal deċiżjoni preliminari mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, il-Ġermanja), datata l-15 ta’ Awwissu 2019 u li tressqet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-18 ta’ Ottubru 2019, tirrigwarda l-interpretazzjoni tat-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta’ ċittadini nazzjonali ta’ pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta’ protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija[2] u tal-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar ’il quddiem il-“Karta”). Hija terġa’ tqajjem kwistjonijiet pjuttost vessatorji rigward id-dati xierqa li għandhom jirregolaw applikazzjonijiet għar-riunifikazzjoni tal-familja li jirriżultaw mill-għoti ta’ protezzjoni internazzjonali lil membri oħra tal-familja.

2. It-talba tressqet fi proċeduri bejn SE u l-Bundesrepublik Deutschland (ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja), rigward ir-rifjut minn din tal-aħħar li tagħti protezzjoni sussidjarja lil SE bħala l-ġenitur ta’ minuri mhux miżżewweġ li huwa benefiċjarju ta’ protezzjoni sussidjarja f’dan l-Istat Membru (iben SE).

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.
[2] ĠU 2011, L 337, p. 9.

3. Sabiex SE u ibnu jitqiesu bħala "membri tal-familja" fis-sens tat-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95, iben SE għandu, b'mod partikolari, ikun minuri u mhux miżżewweġ[3]. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja rrifjutat li tagħti protezzjoni sussidjarja lil SE fuq il-bażi li, filwaqt li kien applika għall-ażil f'dan l-Istat Membru meta ibnu kien għadu minuri, SE ppreżenta applikazzjoni formali għall-ażil f'dan l-Istat Membru jum wara li ibnu ma baqax minuri.

4. Fit-talba preżenti għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tiddetermina, b'mod partikolari, liema mument għandu jittieħed inkunsiderazzjoni għall-iskop li jiġi evalwat jekk il-persuna eliġibbli għall-protezzjoni (f'dan il-każ iben SE) hijiex "minuri" fis-sens tat-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95.

5. Qabel ma jiġu kkunsidrati dawn il-kwistjonijiet, huwa, madankollu, l-ewwel meħtieġ li jiġu stabbiliti d-dispożizzjonijiet legali rilevanti u l-fatti fil-kawża prinċipali.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni Ewropea*

#### *1. Id-Direttiva 2011/95*

6. L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2011/95, bit-titolu "Skop", jipprevedi:

"L-iskop ta' din id-Direttiva huwa li tippreskrivi standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal status uniformi għal refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija."

7. L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/95, bit-titolu "Definizzjonijiet"

"Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

(j) 'membri tal-familja' ifisser, safejn il-familja tkun diġa' eżistiet fil-pajjiż tal-oriġini, il-membri tal-familja li ġejjin tal-benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali li huma preżenti fl-istess Stat Membru rigward l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali:

— […],

— […],

— il-missier, l-omm jew adult ieħor responsabbli għall-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali sew jekk bil-liġi jew bil-prattika tal-Istat Membru kkonċernat, meta dak il-benefiċjarju hu minuri jew [u] mhux miżżewweġ;

(k) 'minuri' tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna bla stat taħt l-età ta' 18-il sena;

[3] Dan il-kriterju ma huwiex inkwistjoni fil-proċeduri preżenti.

[…]”

8. L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2011/95, bit-titolu “Standards stabbiliti aktar favorevoli”, jipprevedi:

“L-Istati Membri jistgħu jdaħħlu jew jżommu standards aktar favorevoli biex jistabbilixxu min jikkwalifika bħala refuġjat jew bħala persuna eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u biex jistabbilixxu l-kontenut ta’ protezzjoni internazzjonali, safejn dawk l-istandards stabbiliti huma kompatibbli ma’ din id-Direttiva.”

9. L-Artikolu 23 tad-Direttiva 2011/95, bit-titolu “Żamma ta’ unità tal-familja”, jipprevedi:

“1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-unità tal-familja tista’ tinżamm.

2. L-Istati Membru għandhom jiżguraw li membri tal-familja tal-benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali, li ma jikkwalifikawx individwalment għal tali protezzjoni, huma intitolati li jitolbu l-benefiċċji msemmija fl-Artikoli 24 sa 35, bi qbil mal-proċeduri nazzjonali safejn huwa kompatibbli mal-istatus legali personali tal-membru tal-familja.

[…]”

10. L-Artikolu 24 tad-Direttiva 2011/95, bit-titolu “Permessi ta’ residenza”, jipprevedi:

“[…]

2. Kemm jista’ jkun malajr wara li tkun ingħatat protezzjoni internazzjonali, l-Istati Membri għandhom joħorġu lill-benefiċjarji ta’ status ta’ protezzjoni sussidjarja u lill-membri tal-familja tagħhom permess ta’ residenza li jista’ jiġġedded irid ikun validu għal mill-inqas sena u, f’każ ta’ tiġdied, għal mill-inqas sentejn, sakemm raġunijiet obbligatorji ta’ sigurtà nazzjonali jew ordni pubblika jeħtieġu mod ieħor.”

*2. Id-Direttiva 2013/32/UE*

11. L-Artikolu 6 tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali[4], bit-titolu “Aċċess għall-proċedura”, huwa fformulat kif ġej:

‘1. Meta persuna tagħmel applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali lil awtorità kompetenti taħt il-liġi nazzjonali għar-reġistrazzjoni ta’ applikazzjonijiet bħal dawn, ir-reġistrazzjoni għandha sseħħ mhux iktar tard minn tlett ijiem ta’ xogħol wara li ssir l-applikazzjoni.

Jekk l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali issir lil awtoritajiet oħra li x’aktarx jirċievu applikazzjonijiet bħal dawn, iżda mhumiex kompetenti għar-reġistrazzjoni taħt il-liġi nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ir-reġistrazzjoni għandha ssir mhux iktar tard minn sitt ijiem ta’ xogħol wara li ssir l-applikazzjoni.

[…]

[4] ĠU 2013, L 180, p. 60.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna li għamlet applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha opportunità effettiva biex tippreżentaha malajr kemm jista' jkun. Fejn l-applikant ma jagħmilx l-applikazzjoni tiegħu, l-Istati Membri jistgħu japplikaw l-Artikolu 28 kif meħtieġ.

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jiġu ppreżentati fiżikament u/jew f'post magħżul.

4. Minkejja l-paragrafu 3, applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha titqies bħala li ġiet riċevuta ladarba formola ppreżentata mill-applikant jew, fejn dan ikun previst fil-liġi nazzjonali, rapport uffiċjali, ikunu waslu għand l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat.

[...]"

## *B. Id-dritt Ġermaniż*

12. L-Artikolu 13 tal-Asylgesetz [5] (il-Liġi dwar l-Ażil; iktar 'il quddiem l-"AsylG") jipprevedi:

"(1) Teżisti applikazzjoni għall-ażil jekk jista' jiġi dedott mill-intenzjoni taċ-ċittadin barrani, espressa bil-miktub, verbalment jew b'xi mod ieħor, li huwa qiegħed ifittex protezzjoni fit-territorju tar-Repubblika Federali minn persekuzzjoni politika jew li huwa qiegħed jitlob protezzjoni kontra tneħħija jew kwalunkwe forma oħra ta' ritorn forzat lejn Stat li fih huwa jinsab f'riskju ta' persekuzzjoni fis-sens tal-Artikolu 3(1) jew ta' dannu serju fis-sens tal-Artikolu 4(1).

[...]"

13. L-Artikolu 14 tal-AsylG jipprevedi:

"(1) L-applikazzjoni għall-ażil għandha tiġi ppreżentata fil-fergħa lokali tal-Uffiċċju Federali li hija assenjata liċ-ċentru ta' akkoljenza responsabbli għad-dħul taċ-ċittadin barrani. [...]

[...]"

14. L-Artikolu 26 tal-AsylG jipprevedi:

"[...]

(2) Minuri mhux miżżewweġ li huwa l-wild ta' benefiċjarju tal-ażil u li kien minuri fil-mument tal-applikazzjoni għall-ażil tiegħu għandu jiġi rrikonoxxut bħala eliġibbli għall-ażil fuq applikazzjoni jekk ir-rikonoxximent taċ-ċittadin barrani bħala benefiċjarju tal-ażil ma jistax jiġi kkontestat u dan ir-rikonoxximent ma jistax jiġi rrevokat jew irtirat.

(3) Il-ġenituri ta' minuri mhux miżżewweġ li huwa benefiċjarju tal-ażil jew adult ieħor fis-sens tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva [2011/95] għandhom jiġu rrikonoxxuti bħala eliġibbli għall-ażil fuq applikazzjoni, jekk

1. ir-rikonoxximent tal-eliġibbiltà tal-persuna għall-ażil ma jistax jiġi kkontestat,

[5] BGB1. 2008 I, p. 1798, fil-verżjoni indikata mill-qorti tar-rinviju.

2. il-familja fis-sens tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva [2011/95] tkun diġà eżistiet fl-Istat li fih il-persuna eliġibbli għall-ażil hija ppersegwitata politikament,

3. huma daħlu fit-territorju qabel ir-rikonoxximent tal-eliġibbiltà tal-persuna għall-ażil jew ippreżentaw l-applikazzjoni għall-ażil immedjatament wara li daħlu fit-territorju,

4. ir-rikonoxximent tal-eliġibbiltà tal-persuna għall-ażil ma jistax jiġi rrevokat jew irtirat, u

5. huma responsabbli sabiex jieħdu ħsieb il-persuna eliġibbli għall-ażil.

Il-punti 1 sa 4 tal-ewwel sentenza għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-aħwa mhux miżżewġa tal-persuna minuri eliġibbli għall-ażil li huma minuri fil-mument tal-applikazzjoni tagħhom.

[…]

(5) Id-dispożizzjonijiet tas-subparagrafi 1 sa 4 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-membri tal-familja fis-sens tas-subparagrafi 1 sa 3 ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali. L-eliġibbiltà għall-ażil għandha tiġi ssostitwita bl-istatus ta' refuġjat jew bil-protezzjoni sussidjarja. […]

[…]"

15. L-Artikolu 77 tal-AsylG jipprevedi:

"(1) Fit-tilwimiet fi ħdan l-ambitu ta' din il-liġi, il-qorti għandha tieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni ta' fatt u ta' liġi eżistenti fil-mument tal-aħħar seduta; jekk is-sentenza tingħata mingħajr seduta, il-mument rilevanti għandu jkun dak li fih tingħata s-sentenza. […]

[…]"

## III. Il-fatti tal-kawża prinċipali u t-talba għal deċiżjoni preliminari

16. SE qiegħed jitlob li jingħata l-istatus mogħti mill-protezzjoni sussidjarja abbażi li huwa missier minuri mhux miżżewweġ li għandu dan l-istatus. SE huwa, skont huwa stess, ċittadin Afgan u missier iben imwieled fl-20 ta' April 1998, li daħal fit-territorju tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja fl-2012 u ppreżenta applikazzjoni għall-ażil hemmhekk fil-21 ta' Awwissu 2012[6].

17. Permezz ta' deċiżjoni finali tal-Bundesamt für Migration und Flüchtlinge (l-Uffiċċju Federali għall-Migrazzjoni u għar-Refuġjati, il-Ġermanja, iktar 'il quddiem l-"Uffiċċju Federali") tat-13 ta' Mejju 2016, l-applikazzjoni għall-ażil ta' iben SE ġiet miċħuda. Minkejja dan huwa ngħata l-istatus mogħti mill-protezzjoni sussidjarja.

18. Skont huwa stess, SE daħal fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja bl-art f'Jannar 2016. Huwa applika għall-ażil fi Frar 2016 u ppreżenta applikazzjoni formali għal protezzjoni internazzjonali fil-21 ta' April 2016.

6 Id-data tal-21 ta' Awwissu 2012 tidher fil-fajl nazzjonali ppreżentat mill-qorti tar-rinviju fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din ma tidhirx fit-talba għal deċiżjoni preliminari u għalhekk għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju.

19. L-Uffiċċju Federali ċaħad it-talbiet tiegħu sabiex jingħata l-ażil u l-istatus ta' refuġjat jew l-istatus mogħti mill-protezzjoni sussidjarja u t-talba tiegħu għal dikjarazzjoni li hemm raġunijiet li jipprojbixxu d-deportazzjoni tiegħu skont l-Artikolu 60(5) u l-ewwel sentenza tal-Artikolu60 (7) tal-Aufenthaltsgesetz (il-Liġi Ġermaniża dwar ir-Residenza).

20. Permezz tas-sentenza kkontestata, il-Verwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva, il-Ġermanja) imponiet obbligu fuq ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja li tagħti l-istatus mogħti mill-protezzjoni sussidjarja lil SE abbażi tal-Artikolu 26(5), flimkien mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 26(3) tal-AsylG, bħala l-ġenitur ta' minuri mhux miżżewweġ li huwa benefiċjarju ta' protezzjoni sussidjarja.

21. Skont il-Verwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva), iben SE kien għadu minuri fil-mument meta SE ppreżenta l-applikazzjoni għall-ażil, li huwa l-mument rilevanti f'dan ir-rigward. F'dan ir-rigward, applikazzjoni għall-ażil għandha titqies li tkun ġiet ippreżentata malli l-awtorità kompetenti tkun saret taf bit-talba għall-ażil tal-persuna li tkun qiegħda tfittex protezzjoni.

22. Fl-appell tagħha fuq punt ta' liġi lill-qorti tar-rinviju, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni li kien hemm ksur tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 26(3) tal-AsylG. Hija ssostni li skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 77(1) tal-AsylG il-fattur deċiżiv għall-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni ta' fatt u ta' liġi huwa, bħala prinċipju, il-mument tal-aħħar seduta quddiem il-qorti li tiddeċiedi dwar il-mertu jew – fl-assenza ta' tali seduta – il-mument tad-deċiżjoni finali tal-qorti li tiddeċiedi dwar il-mertu. L-Artikolu 26(3) tal-AsylG ma fihx eżenzjonijiet statutorji espressi f'dan ir-rigward. Ir-rekwiżiti ta' fatt u l-istruttura tiegħu jissuġġerixxu li, fi kwalunkwe każ, minuri biss li kien għadu minuri meta ngħata l-istatus tiegħu stess jista' jagħti lok għal dritt derivat. Hija ssostni li d-dispożizzjoni sservi l-interessi tal-minuri intitolat għall-protezzjoni, li, bħala prinċipju, jeżistu biss sakemm huwa minuri.

23. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni wkoll li anki jekk l-istatus ta' "minuri" kellu jkun ibbażat fuq id-data tal-applikazzjoni għall-ażil tal-ġenituri, ma huwiex il-mument meta tressqet it-talba materjali għall-ażil (Artikolu 13 tal-AsylG) li huwa deċiżiv f'dan ir-rigward, iżda pjuttost il-mument tal-applikazzjoni formali għall-ażil (Artikolu 14 tal-AsylG). Għall-iskop li jiġi ssodisfatt ir-rekwiżit tal-applikazzjoni stabbilit fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 26(3) tal-AsylG, ma huwiex suffiċjenti li l-awtorità kompetenti – f'dan il-każ l-Uffiċċju Federali – tkun sempliċement konxja tat-talba għall-ażil. Rekwiżit neċessarju għar-rikonoxximent huwa applikazzjoni (formali), li, sabiex tkun effettiva, tista' tiġi ppreżentata biss mal-awtorità kompetenti.

24. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel d-domandi li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari:

"1. Fil-każ ta' applikant għall-ażil li, qabel l-età maġġoreni tal-wild tiegħu, li flimkien miegħu kienet diġà stabbilita familja fil-pajjiż tal-oriġini u li kien ingħata l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja wara li laħaq età maġġoreni (iktar 'il quddiem, il-'benefiċjarju tal-protezzjoni'), abbażi ta' applikazzjoni għal protezzjoni ppreżentata qabel ma ntlaħqet l-età maġġoreni, daħal fl-Istat Membru ospitanti tal-benefiċjarju tal-protezzjoni u hemmhekk ippreżenta applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali (iktar 'il quddiem l-'applikant għall-ażil'), u fil-każ ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tirreferi għall-Artikolu 2(j) tad-Direttiva [2011/95], sabiex tikkonferixxi dritt għall-għoti ta' protezzjoni sussidjarja dderivat mill-benefiċjarju tal-protezzjoni, huwa rilevanti, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-benefiċjarju tal-protezzjoni

huwiex ‘minuri’ fis-sens tat-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95, li jittieħed inkunsiderazzjoni l-mument fejn tkun ittieħdet deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għall-ażil tal-applikant għall-ażil jew inkella mument preċedenti, b’mod partikolari l-mument fejn

(a) il-benefiċjarju tal-protezzjoni jkun ingħata l-istatus ta’ protezzjoni sussidjarja,

(b) l-applikant għall-ażil ikun ippreżenta l-applikazzjoni għall-ażil tiegħu,

(c) l-applikant għall-ażil ikun daħal fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti, jew

(d) il-benefiċjarju tal-protezzjoni jkun ippreżenta l-applikazzjoni għall-ażil tiegħu?

2. Fis-sitwazzjoni fejn

(a) huwa deċiżiv il-mument li fih tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għall-ażil:

Għandha tittieħed inkunsiderazzjoni l-applikazzjoni għal protrezzjoni bil-miktub, orali jew b’forma oħra, li ġiet innotifikata biha l-awtorità nazzjonali responsabbli għall-applikazzjoni tal-ażil (talba għal ażil) jew il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali?

(b) huwa deċiżiv il-mument li fih l-applikant għall-ażil ikun daħal fit-territorju jew il-mument li fih dan ikun ippreżenta l-applikazzjoni għall-ażil tiegħu:

Għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li ma kinitx għadha ngħatat deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal protezzjoni tal-benefiċjarju tal-protezzjoni futur?

3. (a) Fis-sitwazzjoni deskritta fl-ewwel domanda, taħt liema kundizzjonijiet l-applikant għall-ażil ikun ‘membru tal-familja’ (Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95) preżenti ‘fl-istess Stat Membru rigward l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali’ bħal dak li fih huwa preżenti l-benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali li miegħu ‘familja tkun diġà eżistiet fil-pajjiż tal-oriġini’? Dan jeżiġi, b’mod partikolari, li l-ħajja tal-familja msemmija fl-Artikolu 7 tal-[Karta] tkun issoktat bejn il-benefiċjarju tal-protezzjoni u l-applikant għall-ażil fl-Istat Membru ospitanti jew is-sempliċi preżenza simultanja tal-benefiċjarju tal-protezzjoni u tal-applikant għall-ażil tkun biżżejjed għal dan il-għan? Ġenitur huwa wkoll membru tal-familja meta’ fiċ-ċirkustanzi tal-każ inkwistjoni, id-dħul fit-territorju ma kienx intiż għall-eżerċizzju effettiv ta’ responsabbiltà fis-sens tat-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95 fil-konfront ta’ persuna benefiċjarja ta’ protezzjoni internazzjonali li għadha minorenni u li mhux miżżewġa?

(b) Fil-każ li r-risposta li tingħata għall-punt (a) tat-tielet domanda tkun li l-ħajja tal-familja, fis-sens tal-Artikolu 7 tal-[Karta], għandha tkun issoktat bejn il-benefiċjarju tal-protezzjoni u l-applikant għall-ażil fl-Istat Membru ospitanti, il-mument li fiha il-ħajja tal-familja tkun issoktat huwa rilevanti? Għandu jittieħed inkusiderazzjoni f’dan ir-rigward il-fatt dwar jekk il-ħajja tal-familja tkunx issoktat f’ċertu perijodu wara d-dħul tal-applikant għall-ażil fit-territorju, jew fil-mument fejn l-applikant għall-ażil ikun ippreżenta l-applikazzjoni tiegħu jew fil-mument fejn il-benefiċjarju tal-protezzjoni kien għadu minorenni?

4. L-istatus ta’ applikant għall-ażil bħala membru tal-familja fis-sens tat-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95 jintemm meta l-benefiċjarju tal-protezzjoni jilħaq l-età maġġorenni u ma tibqax teżisti r- responsabbiltà lejn persuna minorenni u mhux miżżewġa? Fil-każ ta’ risposta fin-negattiv għal din id-domanda: dan l-istatus ta’ membru tal-familja (u

d-drittijiet derivati minnu) jibqa' jeżisti lil hinn mid-data għal żmien illimitat jew jintemm wara ċertu perijodu (fl-affermattiv, liema perijodu?) jew mas-seħħ ta' ċerti avvenimenti (fl-affermattiv: liema avvenimenti?)"

## IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

25. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew sottomessi mill-Gvern Ġermaniż u dak Ungeriż u mill-Kummissjoni Ewropea. Fis-26 ta' Mejju 2020, il-proċeduri fil-kawża preżenti ġew sospiżi permezz ta' deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 55(1)(b) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja sas-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, État belge (Riunifikazzjoni tal-familja – wild minuri) (C-133/19, C-136/19 u C-137/19, EU:C:2020:577). Dik is-sentenza ġiet innotifikata lill-qorti tar-rinviju fil-proċeduri preżenti sabiex taċċerta jekk xtaqitx iżżomm it-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari. Permezz ta' digriet tad-19 ta' Awwissu 2020, li wasal fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-26 ta' Awwissu 2020, il-qorti tar-rinviju informat lill-Qorti tal-Ġustizzja li xtaqet iżżomm it-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari. Permezz ta' deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Awwissu 2020, is-sospensjoni tal-proċeduri fil-kawża preżenti tneħħiet.

26. Permezz ta' deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja datata l-10 ta' Novembru 2020, il-Gvern Ġermaniż intalab jiċċara d-differenza – b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-proċedura, it-termini u l-kundizzjonijiet – li teżisti fid-dritt Ġermaniż bejn l-applikazzjoni informali għall-ażil, fis-sens tal-Artikolu 13(1) tal-AsylG u l-applikazzjoni formali għall-ażil, fis-sens tal-Artikolu 14(1) tal-istess liġi. Il-Gvern Ġermaniż wieġeb għal din il-mistoqsija fl-14 ta' Diċembru 2020.

27. Permezz ta' deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Novembru 2020, il-partijiet interessati, skont l-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ġew mistiedna jikkummentaw dwar il-konsegwenzi possibbli li għandhom jinstiltu mis-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, État belge (Riunifikazzjoni tal-familja – wild minuri) (C-133/19, C-136/19 u C-137/19, EU:C:2020:577) bil-għan li tingħata risposta għall-ewwel domanda preliminari fil-proċeduri preżenti. Il-Gvern Ungeriż u l-Kummissjoni ppreżentaw osservazzjonijiet f'dan ir-rigward.

## V. Il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

28. Il-Gvern Ġermaniż qajjem dubji rigward il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tittratta d-domandi preliminari. Skont dan il-gvern, id-domandi preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni nazzjonali li ma hijiex imposta mid-dritt tal-Unjoni u li, minn kliemha, tirreferi għad-definizzjonijiet ipprovduti mid-dritt tal-Unjoni fl-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95 biss fir-rigward tal-kunċetti ta' "adult ieħor" u ta' "familja".

29. Għandu jiġi nnotat li bid-domandi tagħha l-qorti tar-rinviju tfittex interpretazzjoni tat-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95 u tal-Artikolu 7 tal-Karta. L-ebda riferiment ma jsir għad-dritt nazzjonali f'dawn id-domandi.

30. Isegwi, madankollu, mit-talba għal deċiżjoni preliminari li SE qiegħed jitlob protezzjoni internazzjonali bħala membru tal-familja (ġenitur ta' wild minuri mhux miżżewweġ) abbażi tal-Artikolu 26(5), flimkien mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 26(3) tal-AsylG pjuttost milli abbażi tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari, id-Direttiva 2011/95. Jidher madankollu li l-kwistjoni dwar

jekk, fil-mument rilevanti, iben SE huwiex minuri mhux miżżewweġ u għalhekk dwar jekk SE huwiex membru tal-familja skont it-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95 hija kruċjali sabiex jiġi ddeterminat l-istatus ta' SE skont id-dritt nazzjonali. Dan huwa dovut għar-riferiment għall-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95 li jinsab fl-Artikolu 26(3) tal-AsylG[7].

31. Fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Ottubru 2018, Ahmedbekova (C-652/16, EU:C:2018:801, punti 68 sa 74), il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li d-Direttiva 2011/95 ma tipprovdix għall-estensjoni tal-istatus ta' refuġjat jew tal-istatus mogħti mill-protezzjoni sussidjarja lill-membri tal-familja ta' persuna mogħtija dan l-istatus. Minn dan isegwi li l-Artikolu 23 ta' din id-direttiva sempliċement jimponi fuq l-Istati Membri li jaddattaw id-dritt nazzjonali tagħhom b'mod li l-membri tal-familja, fis-sens tal-Artikolu 2(j) ta' din id-direttiva, tal-benefiċjarju ta' tali status ikunu jistgħu, jekk ma jkunux jissodisfaw individwalment il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-istess status, igawdu minn ċerti vantaġġi, li jinkludu b'mod partikolari l-ħruġ ta' permess ta' residenza, l-aċċess għall-impjieg jew l-aċċess għall-edukazzjoni u li għandhom bħala l-għan tagħhom iż-żamma tal-unità tal-familja. Madankollu, l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2011/95 jippermetti lil Stat Membru li jipprovdi, fil-każ ta' għoti, skont is-sistema stabbilita minn din id-direttiva, ta' protezzjoni internazzjonali lil membru tal-familja, għall-estensjoni tal-benefiċċju ta' din il-protezzjoni lil membri oħra ta' din il-familja, sakemm dawn ma jkunux jaqgħu taħt xi kawża ta' esklużjoni prevista fl-Artikolu 12 tal-istess direttiva u s-sitwazzjoni tagħhom tkun tippreżenta, minħabba l-ħtieġa ta' żamma tal-unità tal-familja, rabta mar-*ratio legis* tal-protezzjoni internazzjonali.

32. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat ukoll li l-għoti tal-istatus ta' refuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja lill-membri tal-familja bħala dritt idderivat, minħabba l-ħtieġa taż-żamma tal-unità tal-familja tal-persuni kkonċernati, huwa konsistenti mar-*ratio legis* tal-protezzjoni internazzjonali li wasslet għall-għoti ta' dan l-istatus[8].

33. Jidher mill-fajl quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju[9], li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja għamlet użu mill-possibbiltà skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2011/95 li tipprovdi protezzjoni iktar estensiva lil ċerti membri tal-familja li jsir riferiment għalihom fl-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95.

34. Hija ġurisprudenza stabbilita li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni tagħti deċiżjoni preliminari rigward domandi li jikkonċernaw dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni f'sitwazzjonijiet li fihom, anki jekk il-fatti tal-kawża fil-proċeduri prinċipali ma jaqgħux direttament fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni saru applikabbli mid-dritt nazzjonali minħabba riferiment magħmul minn dan id-dritt għall-kontenut ta' dawn id-dispożizzjonijiet. F'ċirkustanzi bħal dawn, huwa ċar li huwa fl-interess tal-Unjoni li, sabiex jiġu evitati differenzi potenzjali ta' interpretazzjoni futuri, dispożizzjonijiet meħuda mid-dritt tal-Unjoni għandhom jiġu interpretati b'mod uniformi. Għalhekk, interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni f'sitwazzjonijiet li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni tkun iġġustifikata meta dawn

7 Skont il-qorti tar-rinviju "l-applikazzjoni tal-applikant sabiex jingħata protezzjoni sussidjarja bħala ġenitur għalhekk tirnexxi jekk, fil-mument li huwa deċiżiv għall-evalwazzjoni, l-iben kien minuri fis-sens tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 26(3) tal-AsylG u l-applikant kien responsabbli abiex jieħu ħsiebu fis-sens tal-punt 5 tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 26(3) tal-AsylG. L-Artikolu 26(3) tal-AsylG huwa intiż bħala mezz ta' implimentazzjoni tal-Artikolu 23(2) tad-Direttiva [2011/95] […]". Ara l-punti 12 u 13 tat-talba għal deċiżjoni preliminari.

8 Ara, għal dan il-għan, is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Ahmedbekova (C-652/16, EU:C:2018:801, punt 73).

9 Fil-punt 13 tat-talba għal deċiżjoni preliminari l-qorti tar-rinviju ddikjarat li l-Artikolu 26(3) tal-AsylG huwa intiż bħala mezz ta' implimentazzjoni tal-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 2011/95. Fil-fehma tiegħi, jidher, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, li l-portata ta' din id-dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali hija usa' mill-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 2011/95 u li d-dispożizzjoni nazzjonali testendi, f'ċerti ċirkustanzi, il-protezzjoni internazzjonali lil membri tal-familja.

id-dispożizzjonijiet ikunu ġew reżi applikabbli għal tali sitwazzjonijiet mid-dritt nazzjonali b'mod dirett u inkundizzjonat, sabiex jiġi żgurat trattament identiku bejn dawn is-sitwazzjonijiet u sitwazzjonijiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni [10].

35. Peress li l-Artikolu 26(3) tal-AsylG jirreferi speċifikament għall-kunċett ta' "familja" skont l-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95 u ma hemm xejn li jindika li d-dispożizzjoni tal-aħħar ma hijiex b'mod dirett u inkundizzjonat applikabbli għal sitwazzjonijiet bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, huwa għalhekk b'mod ċar fl-interess tal-Unjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar it-talba preżenti għal deċiżjoni preliminari.

36. Għaldaqstant, inqis li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tagħti risposta għad-domandi preliminari.

## VI. Fuq id-domandi preliminari

### *A. Fuq l-ewwel u t-tieni domanda*

#### *1. Rimarki preliminari*

37. Permezz tal-ewwel u tat-tieni domanda tagħha, li jistgħu jiġu ttrattati b'mod konvenjenti flimkien, il-qorti tar-rinviju tfittex li tiddetermina, f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, fejn ġenitur, (f'dan il-każ, SE) qiegħed ifittex li jikseb dritt għal protezzjoni sussidjarja skont id-dritt nazzjonali abbażi tal-istatus mogħti mill-protezzjoni sussidjarja ta' wild minuri mhux miżżewweġ, liema mument għandu jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat jekk il-persuna eliġibbli għal protezzjoni internazzjonali – f'dan il-każ, iben SE – hijiex "minuri" fis-sens tat-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95 [11].

38. Kif indikat il-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet tagħha, ir-risposta għal din id-domanda hija neċessarja minn perspettiva tad-dritt tal-Unjoni sabiex jiġi ddeterminat jekk SE huwiex intitolat li jitlob, kif ipprovdut mill-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 2011/95, il-benefiċċji stabbiliti fl-Artikoli 24 sa 35 ta' din id-direttiva [12].

39. Id-definizzjoni ta' "minuri" li tinsab fl-Artikolu 2(k) tad-Direttiva 2011/95, li tirreferi għal "ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna bla stat taħt l-età ta' 18-il sena", ma hijiex inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

[10] Sentenza tas-7 ta' Novembru 2018, K u B (C-380/17, EU:C:2018:877, punti 34 sa 36 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll, is-sentenza tat-13 ta' Marzu 2019, E. (C-635/17, EU:C:2019:192, punti 35 sa 37).

[11] Il-fajl quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jindika li iben SE kien minuri meta SE daħal fil-Ġermanja f'Jannar 2016 u applika għall-ażil fi Frar 2016. Madankollu, iben SE ma baqax minuri fl-20 ta' April 2016, jum qabel SE ppreżenta applikazzjoni formali għal protezzjoni internazzjonali fil-21 ta' April 2016. Barra minn hekk, fit-13 ta' Mejju 2016, iben SE ma kienx għadu minuri meta huwa ġie mogħti l-istatus mogħti mill-protezzjoni sussidjarja. Il-qorti tar-rinviju tinnota li fir-rigward tal-istatus ta' "minuri" tal-benefiċjarju ta' protezzjoni, il-ġurisprudenza nazzjonali f'xi każijiet ħadet ukoll inkunsiderazzjoni – b'konformità mal-prinċipju skont l-Artikolu 77 tal-AsylG – id-data li fiha d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għall-ażil tal-ġenitur ittieħdet. F'każijiet oħra, madankollu, tqies bħala suffiċjenti li l-benefiċjarju ta' protezzjoni kien għadu minuri fil-mument meta l-ġenitur ippreżenta l-applikazzjoni għall-ażil. F'dan ir-rigward, ir-raġunijiet ipprovduti huma b'mod ġenerali bbażati fuq dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, u l-iffissar espliċitu taż-żmien fil-każ ta' protezzjoni internazzjonali dderivata għall-ulied (ara l-Artikolu 26(2) tal-AsylG) huwa ttrasferit għall-protezzjoni internazzjonali għall-ġenituri, minkejja n-nuqqas ta' leġiżlazzjoni f'dan ir-rigward. Ara l-punt 16 tat-talba għal deċiżjoni preliminari.

[12] Il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tiddeċiedi fuq l-implikazzjonijiet tar-risposta tagħha taħt id-dritt nazzjonali, b'mod partikolari, fir-rigward tal-Artikolu 26(5), flimkien mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 26(3) tal-AsylG. Din hija kwistjoni għall-qorti tar-rinviju.

40. Dak li huwa inkwistjoni, madankollu, huwa l-mument rilevanti meta l-istatus ta' "minuri" ta' persuna huwa evalwat sabiex jiġi ddeterminat jekk dan il-minuri u persuna oħra humiex "membri tal-familja" għall-finijiet tat-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95. Skont l-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95, it-terminu "membri tal-familja" jinkludi, sakemm il-familja tkun diġà eżistiet fil-pajjiż ta' oriġini, missier minuri mhux miżżewweġ li huwa l-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali li huwa preżenti fl-istess Stat Membru fir-rigward tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.

41. Il-qorti tar-rinviju ppreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja b'ħames għażliet *ratione temporis*, jiġifieri:

– id-data li fiha ġiet deċiża l-applikazzjoni għall-ażil ta' SE (korp prinċipali tal-ewwel domanda);

– id-data li fiha iben SE ġie mogħti protezzjoni sussidjarja (il-punt (a) tal-ewwel domanda);

– id-data li fiha SE applika għall-ażil (il-punt (b) tal-ewwel domanda);

– id-data li fiha SE daħal fil-Ġermanja (il-punt (c) tal-ewwel domanda); jew

– id-data li fiha iben SE ppreżenta l-applikazzjoni għall-ażil tiegħu (il-punt (d) tal-ewwel domanda).

42. Il-Gvern Ġermaniż iqis li l-mument rilevanti sabiex jiġi evalwat l-istatus ta' "minuri" skont it-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95 huwa d-data tad-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tal-membru tal-familja li jixtieq jasserixxi dritt, idderivat minn dak tal-benefiċjarju tal-protezzjoni.

43. Il-Gvern Ungeriż iqis li l-użu tal-preżent fit-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95 jimmilita kontra interpretazzjoni retroattiva tal-istatus ta' "minuri". Is-sitwazzjoni ta' fatt u ta' liġi li fuqha hija bbażata deċiżjoni għalhekk għanda tiġi eżaminata u evalwata fid-dawl taċ-ċirkustanzi li eżistew fil-mument meta d-deċiżjoni ġiet adottata. Interpretazzjoni differenti fil-proċeduri preżenti tkun tfisser li l-awtoritajiet ikollhom jibbażaw id-deċiżjoni tagħhom fuq finzjoni li l-persuna għadha minuri meta dan ma jkunx għadu l-każ. Finzjoni bħal din ma tistax tiġi dderivata mit-test tad-Direttiva 2011/95 jew l-għanijiet tagħha u tkun tmur kontra ċ-ċertezza legali. Skont dan il-gvern, il-mument rilevanti huwa d-data tad-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ppreżentata mill-membru tal-familja tal-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali.

44. B'kuntrast, il-Kummissjoni tqis li t-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) u l-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 2011/95 għandhom jiġu interpretati li jfissru li ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat taħt l-età ta' 18-il sena fiż-żmien li huma ppreżentaw applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru, iżda li saru adulti matul il-proċedura u li lilhom ingħata l-istatus mogħti mill-protezzjoni sussidjarja sussegwentement, għandhom jitqiesu bħala "minuri" għall-finijiet tat-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) jekk missierhom daħal fit-territorju tal-istess Stat Membru qabel ma l-benefiċjarju tal-protezzjoni kiseb l-età maġġorenni u ppreżenta l-applikazzjoni li jsir riferiment għaliha fl-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 2011/95 f'terminu raġonevoli mill-jum li fih il-benefiċjarju tal-protezzjoni ġie rrikonoxxut bħala tali.

*2. Is-sentenza tat-12 ta' April 2018, A u S (C-550/16, EU:C:2018:248)*

45. Huwa ċar mit-talba għal deċiżjoni preliminari li l-għażliet *ratione temporis* differenti ppreżentati mill-qorti tar-rinviju ġew ispirati, tal-inqas parzjalment, mis-sentenza tat-12 ta' April 2018, A u S (C-550/16, EU:C:2018:248) [13]. Għalhekk ser niddeskrivi f'ċertu dettall il-fatti u d-deċiżjoni f'dik il-kawża għal komprensjoni ikbar tal-għażliet *ratione temporis* differenti ppreżentati mill-qorti tar-rinviju.

46. Il-kawża li tat lok għas-sentenza tat-12 ta' April 2018, A u S (C-550/16, EU:C:2018:248) kienet tirrigwarda d-dritt ta' minuri mhux akkumpanjata li daħlet fil-Pajjiżi l-Baxxi u applikat għall-ażil meta kienet għadha minuri iżda li kisbet l-istatus ta' refuġjat u applikat għar-riunifikazzjoni tal-familja mal-ġenituri tagħha *wara* li laħqet l-età maġġorenni.

47. Saret domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk l-Artikolu 2(f) [14] tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja [15] għandux jiġi interpretat fis-sens li ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat taħt l-età ta' 18-il sena fil-mument tad-dħul tagħhom fit-territorju ta' Stat Membru u tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-ażil tagħhom f'dan l-Istat, iżda li, matul il-proċedura għall-ażil, jilħqu l-età maġġorenni u, sussegwentement, jingħataw l-ażil b'effett retroattiv mid-data tal-applikazzjoni tagħhom għandhom jitqiesu bħala "minuri" għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Artikolu 2(f) tad-Direttiva 2003/86, moqri flimkien mal-Artikolu 10(3)(a) [16] tagħha, għandu jiġi interpretat f'dan is-sens sabiex ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat taħt l-età ta' 18-il sena fil-mument tad-dħul tagħhom fit-territorju ta' Stat Membru u tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni tagħhom għall-ażil f'dan l-Istat, iżda li, matul il-proċedura ta' ażil, jilħqu l-età maġġorenni u, sussegwentement, jiġu rrikonoxxuti l-istatus ta' refuġjat għandhom madankollu jitqiesu bħala "minuri" għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni.

48. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, jekk id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja taħt l-Artikolu 10(3)(a) tad-Direttiva 2003/86 kellu jiddependi fuq il-mument li fih l-awtorità nazzjonali kompetenti tadotta formalment id-deċiżjoni li tirrikonoxxi l-istatus ta' refuġjat tal-persuna kkonċernata, minflok ma tħeġġeġ lill-awtoritajiet nazzjonali sabiex jipproċessaw bi prijorità l-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali ppreżentati minn minuri mhux akkumpanjati sabiex tittieħed inkunsiderazzjoni l-vulnerabbiltà partikolari tagħhom, tali interpretazzjoni jista' jkollha l-effett oppost, b'mod li tmur kontra l-għan imfittex kemm

13 Ara l-punt 18 tat-talba għal deċiżjoni preliminari.

14 Din id-dispożizzjoni tipprovdi li "'minorenni mhux akkompanjat'" tfisser ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni bla stat taħt l-età tmintax, li jaslu fit-territorju ta' l-Istati Membri mhux akkompanjati minn adulti responsabbli bil-liġi jew b'użanza, u sakemm ma jittiħdux effettivament fir-reponsabbilta ta' persuna tali, jew minorenni li jibqgħu mhux akkompanjati wara li jkunu daħlu fit-territorju ta' l-Istati Membri".

15 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 224.

16 Din id-dispożizzjoni tipprevedi, essenzjalment, li jekk ir-refuġjat ikun minuri mhux akkumpanjat, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw id-dħul u r-residenza għall-finijiet tar-riunifikazzjoni tal-familja tal-qraba tal-ewwel grad tiegħu fil-linja diretta axxendenti.

mid-Direttiva 2013/32 kif ukoll mid-Direttivi 2003/86 u 2011/95 li jiġi żgurat li, konformement mal-Artikolu 24(2) tal-Karta, l-aħjar interessi tal-wild ikunu effettivament kunsiderazzjoni primarja għall-Istati Membri fl-applikazzjoni ta' dawn id-direttivi [17].

49. Għalhekk il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li jekk id-data tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali titqies li hija dik li għandu jsir riferiment għaliha sabiex tiġi evalwata l-età ta' refuġjat għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 10(3)(a) tad-Direttiva 2003/86, dan ikun jippermetti li jiġi ggarantit trattament identiku u prevedibbli għall-applikanti kollha li jinsabu kronoloġikament fl-istess sitwazzjoni, billi jiġi żgurat li s-suċċess tal-applikazzjoni għar-riunifikazzjoni tal-familja jkun jiddependi prinċipalment fuq fatti imputabbli lill-applikant u mhux lill-amministrazzjoni bħat-tul tal-ipproċessar tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jew tal-applikazzjoni għar-riunifikazzjoni tal-familja. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat, madankollu, li refuġjat li kellu l-istatus ta' minuri mhux akkumpanjat fil-mument tal-applikazzjoni tiegħu li iżda jkun laħaq l-età maġġorenni tiegħu matul il-proċedura għandu jippreżenta applikazzjoni għar-riunifikazzjoni f'terminu raġonevoli [18]. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-applikazzjoni għandha tiġi ppreżentata f'terminu ta' tliet xhur mid-data li fiha l-"minuri" kkonċernat kien iddikjarat li għandu l-istatus ta' refuġjat.

*3. Is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, État belge (Riunifikazzjoni tal-familja – wild minuri) (C-133/19, C-136/19 u C-137/19, EU:C:2020:577)*

50. Nikkunsidra wkoll li s-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, *État belge (Riunifikazzjoni tal-familja – wild minuri)* (C-133/19, C-136/19 u C-137/19, EU:C:2020:577), li ġiet adottata wara t-talba għal deċiżjoni preliminari fil-kawża preżenti, hija ta' rilevanza.

51. F'dik il-kawża, saret domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar, b'mod partikolari, jekk il-punt (ċ) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2003/86 għandux jiġi interpretat fis-sens li d-data li għandu jsir riferiment għaliha għall-finijiet li jiġi ddeterminat jekk ċittadin ta' pajjiż terz jew refuġjat mhux miżżewweġ huwiex "wild minuri", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, hija dik tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal dħul u residenza bil-għan tar-riunifikazzjoni tal-familja fir-rigward ta' wlied minuri, jew dik tad-deċiżjoni dwar dik l-applikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti ta' dan l-Istat Membru, skont il-każ, wara rikors ippreżentat kontra deċiżjoni li tiċħad tali applikazzjoni.

52. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat bi kliem inekwivoku fil-punti 36 u 37 ta' dik is-sentenza, li l-fatt li tiġi kkunsidrata d-data li fiha l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat iddeċidiet dwar l-applikazzjoni għal dħul u residenza fit-territorju ta' dan l-Istat bil-għan tar-riunifikazzjoni tal-familja bħala d-data li għandu jsir riferiment għaliha sabiex tiġi evalwata

[17] Ara l-punt 58 tas-sentenza tat-12 ta' April 2018, A u S (C-550/16, EU:C:2018:248) u l-punti 36 u 37 tas-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, État belge (Riunifikazzjoni tal-familja – wild minuri) (C-133/19, C-136/19 u C-137/19, EU:C:2020:577). Fil-punt 49 tas-sentenza tat-12 ta' April 2018, A u S (C-550/16, EU:C:2018:248), il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li la l-Artikolu 2(f) u lanqas l-Artikolu 10(3)(a) tad-Direttiva 2003/86 fih innifsu ma jippermetti li tingħata risposta għad-domanda preliminari f'dik il-kawża. Għalhekk hija eżaminat ukoll is-sens ġenerali u l-għan ta' din id-direttiva. F'dak ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-fatt li d-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja taħt l-Artikolu 10(3)(a) tad-Direttiva 2003/86 ikun jiddependi fuq il-mument li fih l-awtorità nazzjonali kompetenti tadotta formalment id-deċiżjoni li tirrikonoxxi l-istatus ta' refuġjat lill-persuna kkonċernata u, għaldaqstant, fuq kemm din l-awtorità tipproċessa malajr jew bil-mod l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, ikun iqiegħed inkwistjoni l-effett utli ta' din id-dispożizzjoni u jkun imur kontra mhux biss l-għan ta' din id-direttiva, li huwa li tiġi promossa r-riunifikazzjoni tal-familja u li tingħata, f'dan ir-rigward, protezzjoni partikolari lir-refuġjati, b'mod partikolari lill-minuri mhux akkumpanjati, iżda wkoll il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' ċertezza legali. Ara l-punt 55 tas-sentenza tat-12 ta' April 2018, A u S (C-550/16, EU:C:2018:248).

[18] Fil-punt 50 tas-sentenza tat-12 ta' April 2018, A u S (C-550/16, EU:C:2018:248), il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, essenzjalment, li l-Artikolu 10(3)(a) tad-Direttiva 2003/86 japplika biss għar-riunifikazzjoni tal-familja ta' refuġjati rrikonoxxuti bħala tali mill-Istati Membri.

l-età tal-applikant għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-punt (ċ) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva2003/86 la jkun konformi mal-għanijiet imfittxija minn din id-direttiva u lanqas mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 7 u mill-Artikolu 24(2) tal-Karta, peress li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-qrati ma jkunux imħeġġa jittrattaw, b'mod prijoritarju, l-applikazzjonijiet tal-minuri bl-urġenza neċessarja sabiex tittieħed inkunsiderazzjoni l-vulnerabbiltà tagħhom u għalhekk ikunu jistgħu jaġixxu b'mod li jipperikola d-drittijiet stess għar-riunifikazzjoni tal-familja ta' dawn il-minuri. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-punt (ċ) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2003/86 għandu jiġi interpretat fis-sens li d-data li għandu jsir riferiment għaliha sabiex jiġi ddeterminat jekk ċittadin ta' pajjiż terz jew refuġjat mhux miżżewweġ huwiex wild minuri, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, hija dik tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal dħul u residenza bil-għan tar-riunifikazzjoni tal-familja fir-rigward ta' wlied minuri, u mhux dik li fiha ttieħdet id-deċiżjoni dwar din l-applikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti ta' dan l-Istat Membru.

*4. Analiżi qasira tas-sentenzi inkwistjoni*

53. Kif indikajt, is-sentenzi tat-12 ta' April 2018, A u S (C-550/16, EU:C:2018:248) u tas-16 ta' Lulju 2020, État belge (Riunifikazzjoni tal-familja – wild minuri) (C-133/19, C-136/19 u C-137/19, EU:C:2020:577) kienu jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2003/86.

54. Għandu jiġi enfasizzat mill-bidu li d-Direttiva 2003/86 ġiet adottata fit-22 ta' Settembru 2003. Għalhekk l-adozzjoni ta' din id-direttiva kienet bejn wieħed u ieħor sitt xhur qabel l-adozzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE tad-29 ta' April 2004 dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija [19]. Id-Direttiva 2004/83, li iktar tard ġiet issostitwita bid-Direttiva 2011/95, introduċiet il-kunċett ta' status mogħti mill-protezzjoni sussidjarja għall-ewwel darba fid-dritt tal-Unjoni. Din il-kronoloġija sservi sabiex jiġi spjegat għaliex id-Direttiva 2003/86 tirreferi biss għal refuġjati u mhux għal ċittadini ta' pajjiż terz jew persuni mingħajr stat li jgawdu status mogħti mill-protezzjoni sussidjarja. Filwaqt li d-drittijiet tal-membri tal-familja tar-refuġjati huma rregolati fil-biċċa kbira mid-Direttivi 2003/86 u 2011/95 [20], id-direttiva tal-ewwel ma tikkonċernax id-drittijiet tal-membri tal-familja ta' dawk li jgawdu status mogħti mill-protezzjoni sussidjarja.

55. Fil-fatt, fil-punt 34 tas-sentenza tat-13 ta' Marzu 2019, E. (C-635/17, EU:C:2019:192), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li d-Direttiva 2003/86 għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tapplikax għal ċittadini ta' pajjiż terz li huma membri tal-familja ta' benefiċjarju ta' protezzjoni sussidjarja [21].

56. Jiena nemmen li s-soluzzjoni adottata fis-sentenza tat-12 ta' April 2018, A u S (C-550/16, EU:C:2018:248) fir-rigward tad-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja ta' minuri mhux akkumpanjat li kien igawdi status ta' refuġjat skont l-Artikolu 2(f) u l-Artikolu 10(3)(a) tad-Direttiva 2003/86 huwa istruttiv fir-rigward tal-kawża preżenti. L-analiżi li tinsab f'dik il-kawża ma hijiex, madankollu, kompletament trasponibbli għal din preżenti peress li hemm ċerti differenzi ta' fatt u ta' liġi ewlenin. B'mod partikolari, fil-kawża li wasslet għas-sentenza tat-12 ta' April 2018, A u S (C-550/16, EU:C:2018:248), kien il-*wild minuri mhux akkumpanjat* li

[19] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 7, p. 96.

[20] Ara wkoll id-Direttiva 2013/32.

[21] Ara l-Artikolu 3(2)(ċ) tad-Direttiva 2003/86.

fittex ir-riunifikazzjoni tal-familja fuq il-bażi tal-Artikolu 10(3)(a) tad-Direttiva 2003/86 minflok (bħal hawnhekk) ġenitur li jfittex li jingħaqad mal-wild tiegħu fuq il-bażi, b'mod partikolari, tal-Artikolu 23 *et seq.* tad-Direttiva 2011/95.

57. Barra minn hekk, filwaqt li l-kawża preżenti tirrigwarda l-kwistjoni tad-drittijiet ta' ġenitur ta' individwu li ġie mogħti l-istatus mogħti mill-protezzjoni sussidjarja, il-kawża li wasslet għas-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, État belge (Riunifikazzjoni tal-familja – wild minuri) (C-133/19, C-136/19 u C-137/19, EU:C:2020:577) hija wkoll kemxejn differenti peress li tikkonċerna l-intepretazzjoni tal-punt (ċ) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2003/86 li jirrikjedi li l-Istati Membri jawtorizzaw id-dħul u r-residenza tal-ulied minuri mhux miżżewġa ta' refuġjat.

*5. Applikazzjoni tal-ġurisprudenza għall-kawża preżenti*

58. Għandu jiġi nnotat li t-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95 ma jispeċifikax il-mument li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni. Filwaqt li l-leġiżlatur tal-Unjoni seta' b'vantaġġ iċċara dan il-punt, madankollu, minkejja dan in-nuqqas, ma jirriżultax li kull Stat Membru jista' unilateralment jiddetermina liema mument jixtieq jagħżel sabiex jiddetermina jekk ċerti persuni humiex "membri tal-familja" għall-finijiet tat-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95. Nilħaq din il-konklużjoni għal diversi raġunijiet.

59. L-ewwel, it-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95 ma jagħmel l-ebda riferiment għad-dritt nazzjonali jew għall-Istati Membri u, it-tieni, ma hemm xejn f'din id-dispożizzjoni jew fil-fatt f'xi dispożizzjoni oħra tad-Direttiva 2011/95 li jissuġġerixxi li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni jħalli lil kull Stat Membru r-responsabbiltà sabiex jiddetermina l-mument rilevanti inkwistjoni.

60. Fis-sentenzi tagħha tat-12 ta' April 2018, A u S (C-550/16, EU:C:2018:248, punt 41) u tas-16 ta' Lulju 2020, État belge (Riunifikazzjoni tal-familja – wild minuri) (C-133/19, C-136/19 u C-137/19, EU:C:2020:577, punt 30), il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, konformement mar-rekwiżit ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll mal-prinċipju ta' ugwaljanza, dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li ma tinkludi ebda riferiment espress għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġu ddeterminati t-tifsira u l-portata tagħha għandha normalment tingħata, fl-Unjoni kollha, interpretazzjoni awtonoma u uniformi, u din l-interpretazzjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, il-kuntest tad-dispożizzjoni u l-għan imfittex mill-leġiżlazzjoni inkwistjoni.

61. Fil-fehma tiegħi, it-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95 għandu jinqara fid-dawl tal-Artikolu 23 ta' din id-direttiva, li l-ewwel paragrafu tiegħu jistipula b'lingwaġġ ċar ħafna u inekwivoku li "[l]-Istati Membri *għandhom jiżguraw* li l-unità tal-familja tista' tinżamm" (enfasi miżjuda). Barra minn hekk, il-premessa 16 tad-Direttiva 2011/95 tiddikjara li din id-direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u l-prinċipji rrikonoxxuti mill-Karta u tfittex li tippromwovi l-applikazzjoni, b'mod partikolari, tal-Artikoli 7 u 24 tal-Karta.

62. Hija ġurisprudenza stabbilita li l-Artikolu 7 tal-Karta, li jirrikonoxxi d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata jew tal-familja, għandu jinqara flimkien mal-obbligu li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-aħjar interessi tal-wild, irrikonoxxut fl-Artikolu 24(2) tal-Karta, u filwaqt li tittieħed inkunsiderazzjoni l-ħtieġa għal wild li jkollu, regolarment, relazzjoni personali maż-żewġ

ġenituri, espressa fl-Artikolu 24(3) tal-Karta[22].

63. Jirriżulta minn dan li ntqal hawn fuq li t-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95 għandu jiġi interpretat fl-interess tal-wild ikkonċernat u bil-għan li tiġi promossa l-ħajja tal-familja.

64. Inqis li la jkun fl-interess tal-wild ikkonċernat u lanqas tal-promozzjoni tal-ħajja tal-familja fil-kuntest ta' proċeduri bħal dawn fil-kawża preżenti u lanqas, fi kwalunkwe każ, f'konformità mar-*ratio legis* tas-sentenzi tat-12 ta' April 2018, A u S (C-550/16, EU:C:2018:248) u tas-16 ta' Lulju 2020, État belge (Riunifikazzjoni tal-familja – wild minuri) (C-133/19, C-136/19 u C-137/19, EU:C:2020:577), jekk il-mument rilevanti għall-evalwazzjoni tal-istatus ta' "minuri" taħt it-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95 kellu jkun id-data li fiha l-applikazzjoni għall-ażil ta' SE fil-fatt ġiet deċiża[23]; jew id-data li fiha iben SE ngħata protezzjoni sussidjarja[24].

65. Huwa ċar mis-sentenzi tat-12 ta' April 2018, A u S (C-550/16, EU:C:2018:248, punt 55) u tas-16 ta' Lulju 2020, État belge (Riunifikazzjoni tal-familja – wild minuri) (C-133/19, C-136/19 u C-137/19, EU:C:2020:577), li l-Qorti tal-Ġustizzja ma pprevedietx li dritt ta' applikant għall-ħajja tal-familja għandu jsir dipendenti fuq il-ħeffa u t-tul ta' applikazzjoni nazzjonali u ta' proċess deċiżjonali. Il-prinċipju sottostanti għal dawn iż-żewġ deċiżjonijiet huwa li d-dritt li tiġi ppreżentata applikazzjoni għar-riunifikazzjoni tal-familja ma jistax ikun suġġett għall-każ tad-dati li fihom jittieħdu ċerti deċiżjonijiet minn terzi.

66. Fil-fehma tiegħi, dan huwa minnu irrispettivament minn jekk ir-rikonoxximent tal-istatus mogħti mill-protezzjoni sussidjarja taħt id-Direttiva 2011/95 huwiex att dikjaratorju jew le. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat li l-premessa 21 tad-Direttiva 2011/95 tiddikjara li r-rikonoxximent tal-istatus ta' refuġjat huwa att dikjaratorju. Madankollu, ma hemmx premessa ekwivalenti fid-Direttiva 2011/95 fir-rigward tal-protezzjoni sussidjarja[25]. Minkejja dan, filwaqt li s-sentenza tat-12 ta' April 2018, A u S (C-550/16, EU:C:2018:248) tagħmel riferiment għall-fatt li r-rikonoxximent tal-istatus ta' refuġjat huwa dikjaratorju[26], f'dik is-sentenza l-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat il-fatt li l-fatt li d-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja taħt l-Artikolu 10(3)(a) tad-Direttiva 2003/86 jkun jiddependi fuq il-mument li fih l-awtorità nazzjonali kompetenti formalment tadotta d-deċiżjoni li tirrikonoxxi l-istatus ta' refuġjat tal-persuna kkonċernata u, għalhekk, fuq kemm l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tiġi pproċessata malajr jew bil-mod minn din l-awtorità, ikun iqiegħed inkwistjoni l-effett utli ta' din id-dispożizzjoni. Tali stat ta' fatt ikun imur kontra mhux biss l-għan ta' din id-direttiva, li huwa li tippromwovi

22 Sentenza tat-13 ta' Marzu 2019, E. (C-635/17, EU:C:2019:192, punt 55 u l-ġurispurdenza ċċitata).

23 Korp prinċipali tal-ewwel domanda.

24 Il-punt (a) tal-ewwel domanda

25 Filwaqt li ma hemmx ekwivalenti tal-premessa 21 fir-rigward tal-protezzjoni sussidjarja, inqis li wara li tiġi ppreżentata applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li jissodisfaw il-kundizzjonijiet materjali stabbiliti fil-Kapitolu V tad-Direttiva 2011/95 għall-kwalifikazzjoni għal protezzjoni sussidjara għandhom dritt suġġettiv li jiġu rrikonoxxuti li għandhom l-istatus mogħti mill-protezzjoni sussidjarja, anki qabel id-deċiżjoni formali ma tkun adottata f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, fil-punt 32 tas-sentenza tal-1 ta' Marzu 2016, Kreis Warendorf u Osso (C-443/14 u C-444/14, EU:C:2016:127), il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li l-premessi 8, 9 u 39 tad-Direttiva 2011/95 jindikaw li l-leġiżlatur tal-Unjoni xtaq jistabbilixxi status uniformi għall-benefiċjarji kollha ta' protezzjoni internazzjonali u li għalhekk iddeċieda li jagħti lill-benefiċjarji ta' status mogħti mill-protezzjoni sussidjarja l-istess drittijiet u benefiċċji bħal dawk li minnhom igawdu r-refuġjati, ħlief fil-każ ta' derogi neċessarji u oġġettivament iġġustifikati. F'dan ir-rigward, ma hija pprovduta l-ebda deroga fir-rigward tal-benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja taħt l-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 2011/95. Din id-dispożizzjoni tirreferi speċifikament għall-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali.

26 Fil-fehma tiegħi, il-kwistjoni dwar l-istatus dikjaratorju tar-refuġjati qamet, b'mod partikolari, peress li l-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva 2003/86 jipprevedi speċifikament li d-Direttiva ma għandhiex tapplika meta l-isponsor ikun "qiegħed japplika għal status ta' refuġjat li l-applikazzjoni tiegħu tkun għadha ma kkawżatx deċiżjoni finali". Ara, s-sentenza tat-12 ta' April 2018, A u S (C-550/16, EU:C:2018:248, punt 50). Ma hemm l-ebda dispożizzjoni ekwivalenti fid-Direttiva 2011/95.

r-riunifikazzjoni tal-familja u li tagħti f'dan ir-rigward protezzjoni speċifika lir-refuġjati, b'mod partikolari minuri mhux akkumpanjati, iżda wkoll kontra l-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' ċertezza legali [27].

67. Approċċ simili kien adottat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Lulju 2020, État belge (Riunifikazzjoni tal-familja – wild minuri) (C-133/19, C-136/19 u C-137/19, EU:C:2020:577). Il-Qorti tal-Ġustizzja, madankollu, fir-raġunament tagħha ma ddependietx fuq in-natura dikjaratorja ta' att li jirrikonoxxi l-istatus ta' refuġjat iżda pjuttost enfasizzat id-drittijiet idderivati mill-Artikolu 7 u l-Artikolu 24(2) u (3) tal-Karta u l-interessi tal-ulied ikkonċernati. Hija osservat li d-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja ma għandux ikun jiddependi fuq dawk li kienu essenzjalment ċirkustanzi inċerti u mhux prevedibbli, kompletament imputabbli lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u lill-qrati tal-Istati Membri kkonċernati [28].

68. Jidher mill-fajl nazzjonali quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-proċeduri preżenti li, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, hemm perijodu ta' kważi erba' snin minn meta iben SE applika għall-ażil (il-21 ta' Awwissu 2012) u d-data meta ngħata protezzjoni sussidjarja (it-13 ta' Mejju 2016). L-ebda spjegazzjoni ma ġiet ipprovduta mill-qorti tar-rinviju għad-dekorrenza kunsiderevoli ta' żmien inkwistjoni. Wieħed jista' forsi jassumi, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, li dan jista' jkun minħabba ċerti kontestazzjonijiet legali mressqa minn iben SE kontra ċ-ċaħda mill-Uffiċċju Federali tal-applikazzjoni għall-ażil tiegħu. Huwa biżżejjed li jintqal li l-applikazzjoni għall-ażil ta' SE ilha pendenti mill-2016.

69. Fil-fehma tiegħi, minbarra r-riskju ta' erożjoni tad-drittijiet [29], iggarantiti taħt l-Artikolu 7 u l-Artikolu 24 tal-Karta, ikun ukoll kuntrarju għall-Artikolu 47 tal-Karta u għad-dritt għal rimedju effettiv jekk il-fatt li applikant għal protezzjoni internazzjonali kien meħtieġ li jinvoka r-rimedji ġudizzjarji previsti taħt l-Artikolu 46 tad-Direttiva 2013/32 ikun jista' b'hekk iwassal għal sitwazzjoni fejn membri tal-familja jitilfu d-dritt tagħhom li tinżamm l-unità tal-familja u d-drittijiet kollha konsegwenti mogħtija skont, b'mod partikolari, id-Direttiva 2011/95 bħala riżultat tad-dekorrenzi ta' żmien li tali litigazzjoni inevitabbilment iġġenerat u li jidher li kienu barra mill-kontroll tal-applikant. Sitwazzjoni bħal din tista' tfixkel ħafna u tiskoraġġixxi b'mod mhux raġonevoli d-dipendenza fuq rimedji ġudizzjarji li nkella jistgħu jkunu disponibbli [30].

27 Fil-punt 60 tas-sentenza tat-12 ta' April 2018, A u S (C-550/16, EU:C:2018:248), il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li "jekk id-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali titqies li hija dik li għandu jsir riferiment għaliha sabiex tiġi evalwata l-età ta' refuġjat għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 10(3)(a) tad-Direttiva 2003/86, dan jippermetti li jiġi żgurat trattament identiku u prevedibbli għall-applikanti kollha li jinsabu kronoloġikament fl-istess sitwazzjoni, billi jiġi żgurat li s-suċċess tal-applikazzjoni għar-riunifikazzjoni tal-familja jkun jiddependi prinċipalment fuq ċirkustanzi imputabbli lill-applikant u mhux lill-amministrazzjoni, bħat-tul tal-ipproċessar tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jew tal-applikazzjoni għar-riunifikazzjoni tal-familja".

28 Sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, État belge (Riunifikazzjoni tal-familja – wild minuri) (C-133/19, C-136/19 u C-137/19, EU:C:2020:577, punt 43). Barra minn hekk, l-awtorizzazzjoni għal dħul u residenza skont il-punt (ċ) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2003/86 li kienet inkwistjoni f'dik il-kawża ma hijiex, kif indikat il-Kummissjoni, att dikjaratorju.

29 Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Hogan fil-kawża B. M. M. u B. S. (Riunifikazzjoni tal-familja – wild minuri) (C-133/19, EU:C:2020:222, punt 43).

30 Ara, b'analoġija, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, État belge (Riunifikazzjoni tal-familja – wild minuri) (C-133/19, C-136/19 u C-137/19, EU:C:2020:577, punti 53 sa 55).

70. F'dan ir-rigward, inqis li l-fatt, kif indikat mill-Gvern Ġermaniż u dak Ungeriż[31], li l-Artikolu 46(3) tad-Direttiva 2013/32 jeħtieġ eżami sħiħ u *ex nunc* tal-fatti u l-punti ta' liġi minn qorti jew tribunal ta' Stat Membru aditi fl-ewwel istanza ta' appell minn deċiżjoni dwar applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ma huwiex rilevanti meta tittieħed deċiżjoni dwar, b'mod partikolari, liema mument għandu jittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-evalwazzjoni ta' jekk il-persuna eliġibbli għal protezzjoni (f'dan il-każ iben SE) hijiex "minuri" fis-sens tat-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95. L-għan tal-Artikolu 46(3) tad-Direttiva 2013/32 huwa li jiġi żgurat li d-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti dwar il-protezzjoni internazzjonali tkun ibbażata fuq fatti u dritt aġġornati[32]. Din id-dispożizzjoni ma għandha l-ebda effett fuq id-dritt tal-membri tal-familja li jitolbu, skont l-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 2011/95, il-benefiċċji msemmija fl-Artikoli 24 sa 35 ta' din id-direttiva jew fil-fatt fuq il-mument li fih dawn id-drittijiet huma dderivati.

71. Fir-rigward tal-għażla *ratione temporis* indikata fil-punt (c) tal-ewwel domanda, jiġifieri d-data li fiha SE daħal fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, l-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95 jirrikjedi b'mod ċar li l-membri tal-familja inkwistjoni jkunu "preżenti fl-istess Stat Membru rigward l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali"[33]. Sabiex tkun tapplika din id-dispożizzjoni, SE għandu għalhekk ikun daħal fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja qabel ma ibnu jkun laħaq l-età maġġorenni u iben SE għandu jkun applika għal protezzjoni internazzjonali meta kien minuri, peress li SE qiegħed ifittex li jikseb drittijiet f'dan ir-rigward.

72. Filwaqt li l-preżenza fl-Istat Membru inkwistjoni u applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali mill-"minuri" inkwistjoni huma kundizzjonijiet neċessarji, madankollu ma humiex biżżejjed fihom infushom sabiex jagħtu lok għal dritt għall-benefiċċji msemmija fl-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 2011/95. Il-membri tal-familja tal-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali li ma jikkwalifikawx individwalment għal tali protezzjoni, għandhom, skont l-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 2011/95, fil-fatt "*jitolbu* l-benefiċċji msemmija fl-Artikoli 24 sa 35 [...]"[34]. Fil-fehma tiegħi, hija din it-talba li tagħti lok għal eżami tad-dritt għall-benefiċċji inkwistjoni u għalhekk hija l-mument rilevanti għall-evalwazzjoni tal-istatus ta' "minuri" tal-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali msemmi fl-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 2011/95.

73. Għaldaqstant nikkunsidra, li sabiex missier jibbenefika mid-drittijiet previsti fl-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 2011/95 fuq il-bażi li huwa "membru tal-familja" ta' "minuri" li huwa benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali, dawn id-drittijiet għandhom fil-fatt jiġu asseriti jew mitluba

31 Il-Gvern Ġermaniż iqis li, fir-rigward tal-kundizzjoni li l-benefiċjarju tal-protezzjoni huwa "minuri" fis-sens tat-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95, dak li huwa importanti hija d-data tad-deċiżjoni li tiddeċiedi dwar l-applikazzjoni tal-membru tal-familja li jixtieq jasserixxi dritt, idderivat minn dak tal-benefiċjarju tal-protezzjoni. Dan il-gvern jinnota, b'mod partikolari, li minħabba li l-Artikolu 46(3) tad-Direttiva 2011/95 jirrikjedi stħarriġ *ex nunc* sħiħ, id-dritt tal-Unjoni huwa għalhekk ibbażat fuq il-prinċipju li dak li huwa deċiżiv huwa s-sitwazzjoni ta' fatt u ta' liġi fid-data tal-istħarriġ. Dan jargumenta kontra t-tressiq 'il quddiem tal-mument rilevanti, qabel id-data li fiha tittieħed id-deċiżjoni, li fiha għandhom jeżistu l-kundizzjonijiet fattwali sabiex qarib jiġi kklassifikat bħala membru tal-familja fis-sens tad-definizzjoni mogħtija fl-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95. Il-Gvern Ungeriż iqis li l-konstatazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Lulju 2020, État belge (Riunifikazzjoni tal-familja – wild minuri) (C-133/19, C-136/19 u C-137/19, EU:C:2020:577) ma humiex applikabbli *mutatis mutandis* għall-kawża preżenti, b'mod partikolari fid-dawl tar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 46(3) tad-Direttiva 2013/32 kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Lulju 2018, Alheto (C-585/16, EU:C:2018:584) – li kemm il-fatti kif ukoll il-punti legali tal-applikazzjoni għall-ażil għandhom ikunu s-suġġett ta' eżami sħiħ u *ex nunc*. Skont dan il-gvern, il-mogħdija tal-minuri għall-età adulta wara l-preżentazzjoni tal-applikazzjoni hija fatt li, minħabba r-rekwiżit ta' eżami *ex nunc*, il-qorti ma tistax tinjora meta tieħu deċiżjoni. Il-Gvern Ungeriż jikkunsidra li l-istess prinċipju japplika fil-proċedura amministrattiva. B'hekk huwa jafferma mill-ġdid li d-data tad-deċiżjoni dwar it-talba (minn SE) għal protezzjoni internazzjonali bbażata fuq sitwazzjoni tal-familja hija l-mument għall-evalwazzjoni tal-istatus ta' "minuri".

32 Ara wkoll, b'analoġija, fir-rigward tal-proċedura amministrattiva, l-Artikolu 10(3)(b) u l-Artikolu 45(2)(a) tad-Direttiva 2013/32. Fil-kuntest ġudizzjarju nazzjonali, ara l-Artikolu 77 tal-AsylG.

33 Din id-dispożizzjoni tirrikjedi wkoll li "il-familja tkun diġà eżistiet fil-pajjiż tal-oriġini".

34 Enfasi miżjuda.

mill-missier inkwistjoni waqt li l-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali jkun għadu minuri. Fil-każ bħal dak fil-kawża prinċipali, il-mument rilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-istatus ta' "minuri" skont it-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95, huwa għalhekk, bħala prinċipju, id-data li fiha l-applikant għall-ażil (SE) ippreżenta l-applikazzjoni għall-ażil tiegħu (il-punt (b) tal-ewwel domanda – 2016). Fid-dawl tal-kliem ċar tal-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 2011/95, ma nikkunsidrax għalhekk li d-data li fiha l-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali (iben SE) ippreżenta l-applikazzjoni għall-ażil tiegħu[35] hija, fiha nnifisha, rilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-istatus ta' "minuri" skont it-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95 (il-punt (d) tal-ewwel domanda – 2012).

74. Il-mument rilevanti għall-evalwazzjoni tal-istatus ta' "minuri" ta' iben SE skont it-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95 huwa għalhekk id-data li fiha SE applika għall-ażil (il-punt (b) tal-ewwel domanda – 2016), sakemm iben SE applika għal protezzjoni internazzjonali *qabel* ma laħaq l-età maġġorenni u sakemm *iż-żewġ* membri tal-familja inkwistjoni huma wkoll preżenti fl-istess Stat Membru qabel iben SE laħaq l-età maġġorenni tiegħu.

75. Peress li nikkunsidra li l-mument meta SE ppreżenta l-applikazzjoni għall-ażil tiegħu huwa deċiżiv, minn dan isegwi li t-tieni domanda mqajma mill-qorti tar-rinviju hija wkoll ta' ċerta importanza. Din id-domanda tirrigwarda jekk il-mument materjali huwiex id-data li fiha titressaq it-talba għall-ażil jew jekk dan huwiex id-data li fiha l-applikazzjoni għall-ażil hija ppreżentata formalment[36].

76. Din id-domanda tirrikjedi interpretazzjoni tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2013/32. Fil-fehma tiegħi, ir-risposta għad-domanda mqajma mill-qorti tar-rinviju tista' tinstab fil-punti 92 sa 94 tas-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2020, Ministerio Fiscal (Awtorità li tista' tirċievi applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali) (C-36/20 PPU, EU:C:2020:495), li essenzjalment tiddikjara li, skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32, ċittadin ta' pajjiż terz jikseb l-istatus ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali, fis-sens tal-Artikolu 2(c) tad-Direttiva 2013/32, *mill-punt li huwa "jagħmel" tali applikazzjoni.* L-att tal-"preżentazzjoni" ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali *ma* jinvolvi l-ebda formalitajiet amministrattivi peress li dawn il-formalitajiet għandhom jiġu osservati meta l-applikazzjoni tkun "ippreżentata". Għaldaqstant il-kisba tal-istatus ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali ma tistax tkun suġġetta la għar-reġistrazzjoni u lanqas għall-preżentazzjoni tal-applikazzjoni u l-fatt li ċittadin ta' pajjiż terz esprima x-xewqa tiegħu li japplika għal protezzjoni internazzjonali quddiem "awtoritajiet oħra" fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32 huwa biżżejjed sabiex jingħata l-istatus ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali lil din il-persuna. Il-preżentazzjoni ta' tali applikazzjoni hija, għaldaqstant, biżżejjed sabiex jibda jiddekorri t-terminu ta' sitt ijiem ta' xogħol li fih l-Istat Membru kkonċernat għandu jirreġistra l-applikazzjoni.

[35] Iben SE ppreżenta l-applikazzjoni għall-ażil tiegħu fl-2012.

[36] Fil-punt 3 tat-talba għal deċiżjoni preliminari, il-qorti tar-rinviju indikat li SE applika għall-ażil fi Frar 2016 u ppreżenta applikazzjoni formali għal protezzjoni internazzjonali fil-21 ta' April 2016. Dik il-qorti nnotat ukoll fil-punti 20 u 21 tat-talba tagħha li l-Artikolu 13(1) tal-AsylG ma jeħtieġx forma speċifika, filwaqt li l-applikazzjoni għall-ażil skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 14(1) tal-AsylG għandha, bħala prinċipju, tkun ippreżentata formalment fil-fergħa lokali kompetenti tal-Uffiċċju Federali. Skont il-qorti tar-rinviju, il-fatt li l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2013/32 jawtorizza lill-Istati Membri jipprovdu għall-preżentazzjoni formali ta' applikazzjoni u jirrikjedi biss li jagħmluha possibbli li din issir malajr kemm jista' jkun, mingħajr ma jispeċifika xi termini speċifiċi f'dan ir-rigward, jista' jimmilita favur evalwazzjoni tal-istatus ta' "minuri" fiż-żmien meta l-applikazzjoni tiġi ppreżentata formalment. Għalkemm ma hemmx preskritti termini minimi, indikattivi jew massimi hawnhekk, għandu jkun possibbli li l-applikazzjoni tiġi ppreżentata formalment immedjatament, jiġifieri mingħajr dewmien indebitu. Il-qorti tar-rinviju nnotat, madankollu, li ma ġiex stabbilit mingħajr dubju jekk it-teħid inkunsiderazzjoni tal-preżentazzjoni formali ta' applikazzjoni huwiex konformi mal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament, ċertezza legali u effett utli.

77. Għalhekk jidher li, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, il-mument rilevanti fir-rigward tal-applikazzjoni għall-ażil ta' SE kien fi Frar 2016 pjuttost milli d-data tal-applikazzjoni formali tiegħu għal protezzjoni internazzjonali fil-21 ta' April 2016. Peress li għalhekk l-applikazzjoni għall-ażil ta' SE ġiet ippreżentata waqt li ibnu kien għadu minuri, minn dan isegwi li SE kien membru tal-familja għall-finijiet tat-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95.

78. B'risposta għall-ewwel u t-tieni domanda tal-qorti tar-rinviju, għalhekk inqis li fiċ-ċirkustanzi ta' każ bħal dak fil-kawża prinċipali, il-mument rilevanti għall-evalwazzjoni tal-istatus ta' "minuri" tal-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali skont it-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95, huwa d-data li fiha missieru jippreżenta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32, sakemm il-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali jkun applika għal din il-protezzjoni qabel ma jilħaq l-età maġġorenni u ż-żewġ membri tal-familja inkwistjoni huma preżenti fl-istess Stat Membru qabel ma l-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali jilħaq l-età maġġorenni.

## *B. Fuq it-tielet domanda*

79. Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tivverifika jekk it-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95, moqri flimkien mal-Artikolu 23(1) ta' din id-direttiva, jeħtieġx l-issoktar bejn il-"membri tal-familja" inkwistjoni, tal-ħajja tal-familja fis-sens tal-Artikolu 7 tal-Karta jew jekk is-sempliċi preżenza simultanja tal-benefiċjarju tal-protezzjoni u l-membru tal-familja tiegħu fl-Istat Membru inkwistjoni hijiex biżżejjed sabiex jiġi stabbilit l-istatus ta' membru tal-familja [37].

80. It-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95 jagħmel il-kunċett ta' "membri tal-familja" fir-rigward ta' missier benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali [38] dipendenti biss fuq it-tliet kundizzjonijiet, jiġifieri, li l-familja tkun diġà eżistiet fil-pajjiż ta' oriġini [39], li l-membri tal-familja tal-benefiċjarju tal-protezzjoni huma preżenti fl-istess Stat Membru fir-rigward tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali u li l-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali huwa minuri mhux miżżewweġ.

81. Din id-dispożizzjoni u, b'mod partikolari, ir-rekwiżit ta' preżenza fl-istess Stat Membru ma teħtieġx l-issoktar bejn il-membri tal-familja inkwistjoni tal-ħajja tal-familja fis-sens tal-Artikolu 7 tal-Karta. L-Artikolu 7 tal-Karta jirrikjedi li l-ħajja tal-familja tiġi rrispettata. Madankollu, ma jimponi l-ebda rekwiżit speċifiku fuq il-membri tal-familja fir-rigward tal-intensità tar-relazzjoni familjali tagħhom.

[37] Il-Gvern Ġermaniż jikkunsidra li d-definizzjoni fl-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95 ma tistax tiġi eżaminata indipendentement mill-Artikolu 23(2) ta' din id-direttiva, li huwa mmirat għaż-żamma tal-unità tal-familja. Huwa għalhekk meħtieġ li l-ħajja tal-familja msemmija fl-Artikolu 7 tal-Karta tkun issoktat bejn il-benefiċjarju tal-protezzjoni u l-persuna li tfittex l-ażil fl-Istat Membru ospitanti. Barra minn hekk, id-dħul fit-territorju għandu jkun sar bil-ħsieb li tiġi eżerċitata (għal darba oħra) l-awtorità tal-ġenituri. Il-Gvern Ungeriż iqis li t-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95 jirrikjedi li sabiex jintalab l-istatus ta' membru tal-familja, ma huwiex biżżejjed li l-membri tal-familja jkunu simultanjament preżenti fit-territorju ta' Stat Membru, huwa wkoll meħtieġ li r-rabtiet tal-familja jeżistu tassew bejniethom, fatt li jimplika li l-ħajja tal-familja bejn il-ġenitur u l-wild minuri effettivament issoktat fl-Istat Membru inkwistjoni.

[38] Din id-dispożizzjoni tagħmel riferiment għall-"missier, l-omm jew adult ieħor *responsabbli* għall-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali". Enfasi miżjuda. Filwaqt li relazzjoni familjali bejn ġenitur u wild minuri mhux miżżewweġ hija preżunta sakemm jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet kollha tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95, relazzjoni tal-"ġenituri" ma' adult ieħor għandha, fil-fehma tiegħi, tiġi ppruvata wkoll bid-dritt jew bil-prattika tal-Istat Membru kkonċernat.

[39] Fil-fehma tiegħi, il-membri tal-familja jistgħu jkunu meħtieġa jipproduċu provi dokumentali sabiex jipprovaw li l-familja diġà kienet teżisti fil-pajjiż ta' oriġini. Ara, b'analoġija, l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2003/86 li jeħtieġ li applikazzjoni għal dħul u residenza ppreżentata lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru tkun akkumpanjata minn provi dokumentali tar-relazzjoni familjali.

82. L-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 2011/95 jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-unità tal-familja tista' tinżamm. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 23(2) ta' din id-direttiva jimponi fuq l-Istati Membri obbligi pożittivi preċiżi, bi drittijiet suġġettivi individwali ddefiniti b'mod ċar korrispondenti. Din id-dispożizzjoni teħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-"membri tal-familja", kif iddefiniti mill-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95, huma intitolati jitolbu l-benefiċċji msemmija fl-Artikoli 24 sa 35 ta' din id-direttiva. Dawn il-benefiċċji għandhom, bħala prinċipju, jingħataw lill-membri tal-familja [40]. L-ebda marġni ta' diskrezzjoni ma titħalla lill-Istati Membri f'dan ir-rigward [41].

83. Kif indikat ġustament il-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet tagħha, l-issoktar ta' relazzjoni familjali jista', fil-fatt, ma jkunx purament dipendenti fuq ix-xewqat tal-membri tal-familja inkwistjoni iżda pjuttost fuq kundizzjonijiet barra mill-kontroll tagħhom, bħal fejn ikunu qegħdin joqogħdu. Forsi iktar importanti minn hekk, minħabba li d-Direttiva 2011/95 ma imponiet l-ebda kriterju f'dan ir-rigward, ma huwiex ċar kif l-issoktar ta' relazzjoni familjali jista' jiġi mmonitorjat u evalwat mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti b'mod ġust, oġġettiv u proporzjonat.

84. Jekk, madankollu, minuri mhux miżżewweġ meta jilħaq l-età maġġorenni espressament jindika bil-miktub li huwa ma jixtieqx iżomm l-unità tal-familja, allura l-iskop tal-Artikolu 23 tad-Direttiva 2011/95 ma jistax jintlaħaq u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ma humiex meħtieġa jagħtu lill-membri tal-familja l-benefiċċji korrispondenti taħt l-Artikoli 24 sa 35 ta' din id-direttiva.

85. Għalkemm iben SE għalaq 18-il sena u laħaq l-età maġġorenni tiegħu fl-20 ta' April 2016, ma hemm l-ebda indikazzjoni fil-fajl quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, li huwa oġġezzjona fi kwalunkwe stadju għaż-żamma tal-unità tal-familja jew li jerġa' jingħaqad ma' missieru.

## *C. Fuq ir-raba' domanda*

86. Permezz tar-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tfittex kjarifika dwar jekk l-istatus ta' applikant għall-ażil bħala membru tal-familja (SE) fis-sens tat-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95 jintemmx meta l-benefiċjarju tal-protezzjoni (iben SE) jilħaq l-età maġġorenni jew jiżżewweġ. Il-qorti tar-rinviju tfittex ukoll li tivverifika, fil-każ li l-istatus ta' missier il-benefiċjarju tal-protezzjoni bħala membru tal-familja, fis-sens tat-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95/UE, bħala prinċipju jkompli jeżisti lil hinn mill-mument li fih il-wild jilħaq l-età maġġorenni, jekk - lil hinn mis-sitwazzjoni li fiha tispiċċa ż-żjara tal-missier fl-Istat Membru ospitanti jew l-eliġibbilità tal-wild għal protezzjoni - dan l-istatus ma jibqax jeżisti f'ċertu mument jew mal-okkorrenza ta' ċertu avveniment [42].

[40] Bl-eċċezzjoni ta' ċerti każijiet fejn raġunijiet imperattivi ta' sigurtà nazzjonali jew ordni pubbliku jeħtieġu mod ieħor. Ara, pereżempju, l-Artikoli 24 u 25 tad-Direttiva 2011/95.

[41] Ħlief fir-rigward tal-eċċezzjonijiet speċifiċi għal dawn l-obbligi previsti fl-Artikolu 23(3) u (4) tad-Direttiva 2011/95. B'hekk, membru tal-familja ma jistax jibbenefika mill-Artikolu 23(1) u (2) tad-Direttiva 2011/95 jekk huwa eskluż jew ikun eskluż mill-protezzjoni internazzjonali skont il-Kapitoli III u V ta' din id-direttiva. Ara l-Artikolu 23(3) tad-Direttiva 2011/95. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw, inaqqsu jew jirtiraw il-benefiċċji inkwistjoni għal raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali jew ordni pubbliku. Ara l-Artikolu 23(4) tad-Direttiva 2011/95. Ma hemm l-ebda indikazzjoni fil-fajl quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li dawn l-eċċezzjonijiet huma ta' rilevanza f'din il-kawża.

[42] Il-Gvern Ġermaniż u dak Ungeriż iqisu li, skont it-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95, l-istatus ta' membru tal-familja jeħtieġ li l-persuna ta' riferiment tkun minuri u mhux miżżewġa. Għaldaqstant, minn dan isegwi li l-istatus ta' membru tal-familja jieqaf meta l-persuna ta' riferiment tilħaq l-età maġġorenni jew tiżżewweġ. Il-Kummissjoni tikkunsidra li skont it-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) u l-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 2011/95, id-drittijiet tal-membri tal-familja jippersistu wara li l-benefiċjarju tal-protezzjoni jilħaq l-età maġġorenni, għat-tul tal-perijodu ta' validità tal-permess ta' residenza mogħti lilhom skont l-Artikolu 24(2) ta' din id-direttiva.

87. Inqis li, skont it-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) u l-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 2011/95, id-drittijiet tal-membri tal-familja *ma* jippersistux għal terminu illimitat.

88. Fil-fehma tiegħi, id-dritt tal-membri tal-familja skont it-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95 li jitolbu l-benefiċċji msemmija fl-Artikoli 24 sa 35 ta' din id-direttiva jippersisti wara li l-benefiċjarju ta' protezzjoni sussidjarja jilħaq l-età maġġorenni, għat-tul tal-perijodu ta' validità tal-permess ta' residenza mogħti lilhom skont l-Artikolu 24(2) ta' din id-direttiva.

89. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 24(2) tad-Direttiva 2011/95 jipprevedi li "l-Istati Membri għandhom joħorġu lill-benefiċjarji ta' status ta' protezzjoni sussidjarja u *lill-membri tal-familja tagħhom* permess ta' residenza li jista' jiġġedded irid ikun validu għal *mill-inqas sena* u, f'każ ta' tiġdid, għal mill-inqas sentejn, sakemm raġunijiet obbligatorji ta' sigurtà nazzjonali jew ordni pubblika jeħtieġu mod ieħor" [43].

## VII. Konklużjoni

90. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari tal-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, il-Ġermanja), kif ġej:

Fiċ-ċirkustanzi ta' każ bħal dak fil-kawża prinċipali, il-mument rilevanti għall-evalwazzjoni tal-istatus ta' "minuri" tal-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali skont it-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija, huwa d-data li fiha missieru jippreżenta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali, sakemm il-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali jkun applika għal din il-protezzjoni qabel ma jilħaq l-età maġġorenni u ż-żewġ membri tal-familja inkwistjoni huma preżenti fl-istess Stat Membru qabel ma l-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali jilħaq l-età maġġorenni.

Skont it-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95, il-kunċett ta' "membri tal-familja" fir-rigward ta' missier benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali jiddependi biss fuq it-tliet kundizzjonijiet, jiġifieri, li l-familja tkun diġà eżistiet fil-pajjiż ta' oriġini, li l-membri tal-familja tal-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali huma preżenti fl-istess Stat Membru fir-rigward tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali u li l-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali huwa minuri mhux miżżewweġ. It-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95 ma jeħtieġx l-issoktar bejn il-membri tal-familja inkwistjoni tal-ħajja tal-familja fis-sens tal-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Jekk minuri mhux miżżewweġ skont it-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2011/95 meta jilħaq l-età maġġorenni espressament jindika bil-miktub li huwa ma jixtieqx iżomm l-unità tal-familja, allura l-iskop tal-Artikolu 23 tad-Direttiva 2011/95 ma jistax jintlaħaq u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ma humiex meħtieġa jagħtu lill-membri tal-familja l-benefiċċji korrispondenti taħt l-Artikoli 24 sa 35 ta' din id-direttiva.

[43] Enfasi miżjuda.

Id-drittijiet tal-membri tal-familja skont it-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) u l-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 2011/95 ma jippersistux għal terminu illimitat. Id-dritt tal-membri tal-familja skont it-tielet inċiż tal-Artikolu 2(j) u l-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 2011/95 li jitolbu l-benefiċċji msemmija fl-Artikoli 24 sa 35 ta' din id-direttiva jippersisti wara li l-benefiċjarju ta' protezzjoni sussidjarja jilħaq l-età maġġorenni, għat-tul tal-perijodu ta' validità tal-permess ta' residenza mogħti lilhom skont l-Artikolu 24(2) ta' din id-direttiva.